# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum it-22 ta' April 2021**

Appell numru 252/2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Eros PAVIA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa digriet in segwitu għat-talba tal-appellant PAVIA magħmula fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Jannar 2020 sabiex dil-Qorti tiġi konvertita f'Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat li permezz ta' sentenza deċiża nhar it-18 ta' Settembru 2019, l-appellant kien ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Diċembru 2015 u l-1 ta' Jannar 2016, ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jitraffika, ibiegħ jew

iqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati u kkundannatu għall-perjodu ta' sitt xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' ħames mitt Ewro (€500) li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li titħallas mensilment.

3. Rat li Eros Pavia appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors datat 3 ta' Ottubru 2019 fejn talab lill-Qorti tal-Appell sabiex jogħoġbha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu jew li alternattivament, fl-eventwalita' li l-ewwel talba ma tiġix milqugħha, tawtorizza lill-appellant iressaq il-provi a tenur tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u sussegwentement sabiex tassumi l-funzjoni tal-Qorti tad-Droga kif stipulat fl-Artikolu 8(1) tal-isemmi Kapitolu.

4. Rat li fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2020, id-Difiża għan-nom tal-appellant irtirat l-aggravju tagħha 'B' u talbet lill-Qorti tikkonsidra t-tieni talba tagħha bħala talba indipendenti.

5. Rat li fis-seduta ta' nhar it-12 ta' Marzu 2020, il-Qorti tagħat tliet ġimgħat żmien lid-Difiża tindika x-xhieda tagħha biex tipprova d-dipendenza tal-appellant fuq id-droga. Il-Qorti ordnat li jinstemgħu x-xhieda ai fini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Rat li fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2020, id-Difiża ntavolat rikors fejn talbet li in linja mat-talba tagħha magħmula ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta: i) jinħatar espert psikjatriku forensiku sabiex jirrelata dwar id-dipendenza fuq id-droga tal-appellant fiż-żmien it-twettiq tar-reat u sabiex jirrelata dwar kif l-appellant kien qiegħed jirnexxilu jegħleb il-vizzju tad-droga kif ukoll ii) l-appellant jitpoġġa taħt ordni ta' provviżorju ta' superviżjoni.

7. Rat li permezz ta' risposta datata 17 ta' Settembru, l-Avukat Ġenerali wieġeb li ma kellux oġġezzjoni għat-talba magħmula mill-appellant permezz tas-surreferit rikors.

8. Rat li fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Ottubru 2020, id-Difiża talbet li jitressqu xhieda dwar l-allegat dipendenza fuq id-droga tal-appellant, l-appellant innifsu, familjari u ħbieb tiegħu li jafu bl-allegata problema tal-appellant. Il-Qorti laqgħet din it-talba u ddifferiet l-appell għal dan l-iskop.

9. Rat li fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Frar 2021, xehedu Gino Cauchi li stqarr li huwa missier l-appellant u l-appellant Eros Pavia innifsu.

10. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq il-mertu tar-rikors tal-appellant fejn talab lil din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

11. L-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 jippreskrivi s-segwenti:

(1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward tal-kwantita' ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip ta' droga jew mill-purita ma taqbiżx il-kwantita' ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantita' ta' droga li tindika lill-persuna akkużata mgħandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' multa ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:
a) Li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hij mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;
b) Ir-reat kontra xi liġi oħra li mhiex il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hija mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regolari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;
c) Li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

12. Issa, f'dan il-każ mhemmx dubju li r-reat allegatament kommess mill-appellant PAVIA huwa reat kontra l-liġijiet dwar id-droga hekk kif ġie misjub f'pussess tad-droga ecstasy bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jirrikjedi pero' li l-kwantita' tad-droga in kwistjoni ma tkunx tissupera l-kwantita' ta' Droga elenkata fir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta liema skeda fil-każ tad-droga ecstasy tippreskrivi limitu ta' tlett mitt pillola.

13. F’dan ir-rigward, f’paġna 12 tax-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur Herman Mula, jirriżulta li d-droga li dehret tgħaddi mingħand l-appellant PAVIA għall-idejn il-ħabib tiegħu Arlen Bellotti kienet **fi kwantita’ ta’ pillola waħda biss**.

14. Dan jikkonfermah ukoll Arlen Bellotti li f’paġna 20 tax-xhieda tiegħu jirrakkonta kif kien PAVIA li mar jixtri l-pilloli u għadda waħda lilu u żamm waħda l-appellant għalih innifsu. Għalhekk, il-kwantita’ ta’ droga mertu ta’ dawn il-proċeduri kienet fi kwantita’ li taqa’ fil-parametri ċirkoskritti fir-Raba’ Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti tal-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 f’dan is-sens.

15. Stabbilt li r-reat in kwistjoni huwa reat dwar id-droga fi kwantitajiet li ma jissuperawx il-limitu preskritt fir-Raba’ Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta, jeħtieġ li issa jiġu mistħarrġa l-kriterji indikati fis-sub-inċiż tnejn tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537. Huwa paċifiku li l-applikabbilita’ tal-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 hija suġġetta neċessarjament għall-kriterji msemmijin fit-tieni subinċiż tiegħu liema kriterji l-Leġislatur ried li jiġu sodisfatti **kumulativament** mill-akkużat sabiex jirnexxi fit-talba tiegħu. Isegwi li l-akkużat irid iressaq dawk il-provi kollha li permezz tagħhom ikunu jirriżultaw **il-kriterji kollha** hekk elenkati fl-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta.

16. Għal dak li jirrigwarda l-kriterju a) tas-subinċiż numru tnejn, il-Leġislatur kien speċifiku li jirrikjedi rabta bejn il-kommissjoni tar-reat li l-akkużat ikun mixli bih u d-dipendenza ppruvata tiegħu. Għaldaqstant l-oneru tal-prova hawnhekk huwa doppju fuq l-

appellant: jeħtieġ li jipprova (i) dipendenza (serja) fuq id-droga u mhux sempliċement li kien jabbuża mid-droga darba kultant, l-hekk imsejjaħ *casual user* u (ii) li l-kommissjoni tar-reat akkużat bih kienet attribwibbli għal din id-dipendenza fuq id-droga. Huwa minnu wkoll li sabiex jiġi ppruvat dan il-kriterju, jeħtieġ li l-appellant jipprova li fiż-żmien tat-twettiq ta' dan l-allegat reat, hu ma kienx mifdi minn tali vizzju għaliex allura f'dak il-każ l-element tar-rabta ma jkunx hekk jirriżulta.

17. Illi f'dan il-każ l-appellant PAVIA ried jipprova li fiż-żmien tat-twettiq tar-reat li ġie mixli bih f'dawn il-proċeduri, huwa kien hekk afflitt mill-problema tad-droga b'mod tali li wettaq dan ir-reat bħala konsegwenza ta' din id-dipendenza tiegħu fuq id-droga. Missier l-appellant, Gino Cauchi, xehed kif huwa ma kienx induna li ibnu kellu dipendenza mid-droga iżda malli waslet ir-riferta tal-kawża kriminali kontrih, PAVIA kien tkellem miegħu u qallu li kien ilu għaddej mill-problema tad-droga u li d-dipendenza tiegħu kienet tali li jekk ma jieħux pillola ecstasy meta joħroġ ma' sħabu ma kienx jieħu pjaċir. Gino Cauchi jixhed ukoll li l-appellant PAVIA kien qallu li kien qabad il-vizzju tad-droga minħabba kumpanija ħażina li kien jagħmilha magħha.

18. PAVIA xehed li fiż-żmien tar-reat kellu madwar tmintax -il sena u kien ipejjep tal-inqas tlett sigaretti tal-*cannabis grass* kuljum filwaqt li kien ifittex l-ecstasy kull darba li kien joħroġ. F'paġna 104 tax-xhieda tiegħu PAVIA jgħid hekk : -

> Le ġeneralment dejjem wara nofsinhar meta kont noħroġ once li kont noħroġ kont infittixha dejjem għax għalija **dak iż-żmien il-mentalita' li kull darba li kont noħroġ, clubs whatever, sfortunatament kont infittex id-droga.**[1]

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.

19. L-appellant jikkonferma l-verżjoni li ta missieru Gino Cauchi meta jgħid li l-vizzju tad-droga qabdu minħabba l-kumpanija li kien jagħmilha magħha. Minn kliem PAVIA dan il-vizzju tiegħu kien talment daħal fil-fond li kien jaħdem diversi xogħlijiet sabiex ikollu l-flus fil-but biex imantni dan il-vizzju tiegħu. F'paġna 107 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk : -

> Jien kont naħdem żewġ xogħlijiet dak iż-żmien, jiġifieri flus kien ikolli, pero' ovjament ma tantx kienu jdumu fil-but. Jiġifieri dik il-problema, għax ovjament kelli l-vizzju tad-droga.

20. Għalhekk, mix-xhieda tal-appellant u ta' missieru toħroġ stampa ta' ġuvni ta' tmintax-il sena li għażel li jabbuża mid-droga minħabba l-influwenza (ħazina) tal-ħbieb tiegħu ta' dak iż-żmien. Dak li jsaħħaħ ix-xhieda tal-appellant hija wkoll il-kwantita' ta' droga misjuba hekk kif l-Ispettur Mula xehed kif din kienet tammonta għall-pillola waħda ecstasy, kwantita' kwindi li hija kompatibbli mat-teżi tal-appellant li huwa kien jikkonsma l-ecstasy meta jmur clubbing mal-ħbieb tiegħu.

21. L-appellant jixhed kif huwa għeleb dan il-vizzju tad-droga grazzi għall-għinuna tal-ġenituri tiegħu u ma kellux bżonn ifittex l-għinuna ta' programmi ta' riabilitazzjoni mid-droga jew għinuna medika u psikjatrika. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan pero' ma jfissirx li d-dipendenza tal-appellant ma kinitx akuta hekk kif fi kliemu stess il-konsum ta' droga kienet abitudni kwotidjana oltre għall-konsum tal-ecstasy meta kien joħroġ fil-*clubs*, preżumibilment fil-*weekends*.

22. Għalhekk, din il-Qorti tħoss li r-rikorrent ipprova sal-grad rikjest għalih mill-Liġi li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga f'dan il-każ kien

sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu mid-droga skont il-kriterju a) tas-subinċiż 2 tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

23. Għal dak li jirrigwarda l-kriterju b) tas-subinċiż 2 tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tara li, kif diġa ngħad qabel, ir-reat li ġie mixli bih PAVIA jaqa' taħt il-kappa ta' reati kontra liġijiet dwar id-droga, u għalhekk dan il-kriterju jsib applikazzjoni f'dan il-każ.

24. In kwantu għall-kriterju ċ), din il-Qorti tqis li llum il-ġurnata l-appellant irrijabilita ruħu jew għamel progress u sforz sostanzjali sabiex jeħles mid-dipendenza mid-droga u mgħadux hekk afflitt mill-problema tad-droga. L-appellant jixhed kif anki qata' ċerti ħbieb u li sabiex jevita l-inkwiet, sar iqatta' ħafna ħin jilgħab bil-*playstation* minflok joħroġ. In oltre għandu wkoll xogħol stabbli.

25. F'paġna 105 tax-xhieda tiegħu, l-appellant xehed kif huwa kien applika għal diversi xogħlijiet iżda mhux kollha kienu jaċċettawh minħabba l-kundanna li kellu ta' sitt xhur ħabs. Ikompli jixhed kif kien irnexxilu jsib xogħol u li kien għadu kif beda jaħdem fir-real estate.

26. Din il-Qorti fliet sewwa l-imġieba tar-rikorrent u ta' missieru fuq il-pedana tax-xiehda u għarblithom bil-kriterja mogħtija lilha fit-termini tal-artikolu 637 tal-Kidiċi Kriminali. Din il-Qorti qieset li l-verżjoni mogħtija minn dawn iż-żewġt xhieda deheret li kienet sinċiera u ta' min jorbot fuqha. Din il-Qorti temmen li r-rikorrent kien verament qiegħed jagħmel l-almu tiegħu biex iqum fuq saqajh għaliex ma qatgħax qalbu mal-ewwel bieb li ngħalaq f'wiċċu iżda baqa' jfittex li jsib impjieg u filfatt imbagħad ġie aċċettat u impjegat

ma’ Remax Agency. F’paġna 105 tax-xhieda tiegħu, l-appellant jixhed dwar il-kambjament li għamel f’ħajtu : -

> Wake up call kbira ovvjament għax ħeq ma kontx qed ngħix ħajja sew, indunajt dak iż-żmien kont naħdem taħt stat ta’ immaturita’. Ifhimni, ovvjament illum il-ġurnata narani bħala bniedem inbdilt għax il-ħbieb kollha li kelli jiġifieri, il-kumpanija qtajtha kollha għax indunajt li ovvjament fl-aħħar mill-aħħar once li, ħeq jiena kelli naffaċja l-konsegwenzi. Le ifhimni dawk iż-żminijiet narahom bħala passat, tgħallimt mill-passat jiġifieri mhux ser ngħid li ma tgħallimtx, imn’Alla sa ċertu punt għax kieku forsi bqajt għaddej. Pero’ le, illum il-ġurnata jiġifieri naraha bħalha wake up call kbira.

27. L-istess jixhed Gino Cauchi fejn f’paġna 99 tax-xhieda tiegħu jgħid: -

> It-tifel inbidel, ta’ karattru ġdid u kuntent ħafna bih jien.

28. Din il-Qorti osservat ukoll li l-fedina penali tal-appellant li tinsab a folio 3 tal-atti proċesswali hija netta.

29. Għalhekk dil-Qorti tqis li jirriżulta wkoll ippruvat il-kriterju ċ) tas-subinċiż tnejn tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta in kwantu ġie ppruvat a sodisfazzjon ta’ din il-Qorti li PAVIA ġie riabilitat mid-dipendenza fuq id-droga jew għamel progress u sforz sostanzjali sabiex jeħles mid-dipendenza mid-droga.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet imsemmija aktar ‘l fuq, din il-Qorti qiegħda tilqa’ t-talba tal-appellant PAVIA biex tassumi l-funzjoni ta’ Qorti dwar id-Droga u qiegħda għalhekk tikkonverti ruħha f’Qorti dwar id-Droga.

Għalhekk tirreferi lill-appellant quddiem il-Bord ta’ Riabilitazzjoni ta’ Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Inqabdu bid-Droga.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**